# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 16 I

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

22 ta' Jannar 2018

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/87 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/88 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela** 6

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/89 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ........ 9

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/90 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela** ........ 14

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/87

**tat-22 ta' Jannar 2018**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fid-dawl tal-programmi nukleari u ballistiċi kontinwi u aċċellerati tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) li huma bi ksur tal-obbligi tar-RDPK kif stipulati f'bosta Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif jidher mill-isparar l-aktar reċenti ta' missili ballistiċi mir-RDPK fit-28 ta' Novembru 2017, jenħtieġ li sbatax-il persuna jinżdiedu mal-lista ta' persuni fl-Anness XVI tar-Regolament (UE) 2017/1509.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni li tidher fl-Anness XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509, taħt l-intestatura "(a) Persuni fiżiċi":

| | Isem (u alternattivi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "2. | CHOE Chan Il | | 22.1.2018 | Direttur tal-Uffiċċju ta' Dandong tal-Korea Heungjin Trading Company, entità ddeżinjata min-NU. Il-Korea Heungjin tintuża mill-KOMID, entità ddeżinjata oħra min-NU, għal finijiet ta' kummerċ. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. |
| 3. | KIM Chol Nam | | 22.1.2018 | Direttur tal-fergħa ta' Dandong ta' Sobaeksu United Corp li ġiet deżinjata mill-Unjoni. Rappreżentant tal-fergħa ta' Beijing tal-Korea Changgwang Trading Corporation, li ġiet identifikata mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala psewdonimu tal-KOMID. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. |
| 4. | JON Chol Young | Numru tal-passaport: 563410192<br>Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola<br>Data tat-twelid: 30.4.1975 | 22.1.2018 | Rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat għar-RDPK fl-Angola.<br>Green Pine ġiet deżinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nnegozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. |
| 5. | AN Jong Hyuk<br>Magħruf ukoll bħala: An Jong Hyok | Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Eġittu<br>Data tat-twelid: 14.3.1970<br>Numru tal-passaport: 563410155 | 22.1.2018 | Rappreżentant ta' Saeng Pil Trading Corporation, psewdonimu ta' Green Pine Associated Corporation, u diplomatiku tar-RDPK fl-Eġittu.<br>Green Pine ġiet deżinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi.<br>An Jong Hyuk kien awtorizzat jagħmel kull tip ta' negozju f'isem Saeng Pil, inkluż l-iffirmar u l-implimentazzjoni ta' kuntratti u ta' negozju bankarju. Il-kumpannija tispeċjalizza fil-kostruzzjoni ta' bastimenti navali u d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-installazzjoni ta' tagħmir ta' komunikazzjoni elettronika u ta' navigazzjoni bil-baħar. |
| 6. | CHOL Yun | It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għaċ-Ċina | 22.1.2018 | Chol Yun ġie identifikat mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala l-persuna ta' kuntatt tal-Kumpannija tar-RDPK General Precious Metal involuta fil-bejgħ ta' litju-6, oġġett marbut mal-armi nukleari ipprojbit min-NU, u diplomatiku tar-RDPK.<br>General Precious Metal kienet identifikata qabel mill-Unjoni bħala psewdonimu tal-entità ddeżinjata min-NU Green Pine. |

| | Isem (u alternattivi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 7. | CHOE Kwang Hyok | | 22.1.2018 | Choe Kwang Hyok serva bħala rappreżentant ta' Green Pine Associated Corporation, entità ddeżinjata min-NU.<br>Choe Kwang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala l-kap eżekuttiv ta' Beijing King Helong International Trading Ltd, psewdonimu ta' Green Pine. Ġie identifikat ukoll mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala direttur ta' Hong Kong King Helong Int'l Trading Ltd u operatur tal-entità tar-RDPK magħżula bħala l-uffiċċju rappreżentattiv tal-Korea Unhasu Trading Company f'Beijing, li huma wkoll psewdonimi ta' Green Pine. |
| 8. | KIM Chang Hyok<br>Magħruf ukoll bħala: James Jin jew James Kim | Data tat-twelid: 29.4.1963<br>Post tat-twelid: N. Hamgyong<br>Numru tal-passaport: 472130058 | 22.1.2018 | Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fil-Malasja. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti.<br>Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malasja f'isem il-kumpanniji tal-isem ta' "Glocom", hija stess kumpannija tal-isem tal-entità ddeżinjata Pan Systems Pyongyang. |
| 9. | PARK Young Han | | 22.1.2018 | Direttur ta' Beijing New Technology li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala kumpannija tal-isem tal-KOMID. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.<br>Ir-rappreżentant legali ta' Guancaiweixing Trading Co., Ltd, li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li bagħtet kunsinna interċettata lejn l-Eritrea ta' oġġetti marbuta mal-militar f'Awwissu 2012. |
| 10. | RYANG Su Nyo | Data tat-twelid: 11.8.1959<br>Post tat-twelid: Ġappun | 22.1.2018 | Direttur ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 11. | PYON Won Gun | Data tat-twelid: 13.3.1968<br>Post tat-twelid: S. Phyongan<br>Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035<br>Numru tal-passaport: 290220142 | 22.1.2018 | Direttur ta' Glocom, kumpannija tal-isem ta' Pan Systems Pyongyang, Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill- Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti.<br>Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari.<br>Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. |

| | Isem (u alternattivi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 12. | PAE Won Chol | Data tat-twelid: 30.8.1969<br>Post tat-twelid: Pyongyang<br>Nru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150 | 22.1.2018 | Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 13. | RI Sin Song | | 22.1.2018 | Ri Sin Song ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 14. | KIM Sung Su | | 22.1.2018 | Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 15. | KIM Pyong Chol | | 22.1.2018 | Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 16. | CHOE Kwang Su | It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Afrika t'Isfel<br>Data tat-twelid: 20.4.1955<br>Numru tal-passaport: 381210143 (data l-għeluq: 3.6.2016) | 22.1.2018 | Choe Kwang Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala rappreżentant ta' Haegeumgang Trading Company. F'din il-kapaċità, Choe Kwang Su ffirma kuntratt ta' kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Mozambique bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kuntratt kien jikkonċerna l-forniment ta' armi u materjal marbut mal-armi lil Monte Binga, kumpannija kkontrollata mill-Gvern tal-Mozambique. |
| 17. | PAK In Su<br>Magħruf ukoll bħala:<br>Daniel Pak | Data tat-twelid: 22.5.1957<br>Post tat-twelid: N. Hamgyong<br>Numru tal-passaport diplomatiku: 290221242 | 22.1.2018 | Pak In Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-bejgħ ta' faħam mir-RDPK fil-Malasja bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. |

| | Isem (u alternattivi possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 18. | SON Young-Nam | L-Ewwel Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Bangladexx | 22.1.2018 | Son Young-Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-kuntrabandu ta' deheb u oġġetti oħrajn fir-RDPK bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.". |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/88

## tat-22 ta' Jannar 2018

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/2063.

(2) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Venezwela li jirriaffermaw li d-djalogu kostruttiv u n-negozjati huma l-uniku mod sostenibbli biex tiġi indirizzata l-kriżi attwali u biex tingħata risposta għall-ħtiġijiet urġenti tal-poplu tal-Venezwela.

(3) Il-Kunsill, filwaqt li enfasizza t-tħassib tiegħu fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, adotta miżuri restrittivi u nnota li dawk il-miżuri ser jintużaw b'mod gradwali u flessibbli u jistgħu jiġu estiżi, billi jiffokaw fuq dawk involuti fin-nuqqas ta' rispett tal-prinċipji demokratiċi jew tal-istat tad-dritt u fil-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

(4) Fid-dawl tad-deterjorazzjoni kontinwata tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, seba' persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

---

([1]) ĠU L 295, 14.11.2017, p. 21.

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin huma miżjuda mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Néstor Luis Reverol Torres | Data tat-twelid: 28 ta' Ottubru 1964 | Ministru għall-Intern, il-Ġustizzja u l-Paċi; *ex* Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inkluża l-projbizzjoni u r-repressjoni ta' dimostrazzjonijiet politiċi | 22.1.2018 |
| 2. | Gustavo Enrique González López | Data tat-twelid: 2 ta' Novembru 1960 | Kap tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem (inklużi d-detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura) u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela. | 22.1.2018 |
| 3. | Tibisay Lucena Ramírez | Data tat-twelid: 26 ta' April 1959 | President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* – CNE). L-azzjonijiet u l-politiki tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bil-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' Assemblea Kostitwenti billi naqset milli tiżgura li s-CNE jibqa' istituzzjoni imparzjali u indipendenti skont il-Kostituzzjoni tal-Venezwela | 22.1.2018 |
| 4. | Antonio José Benavides Torres | Data tat-twelid: 13 ta' Ġunju 1961 | Kap tal-Gvern tad-Distrett Kapitali (*Distrito Capital*). Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sal-21 ta' Ġunju 2017. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż li l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana tmexxi fis-sorveljanza ta' dimostrazzjonijiet ċivili u t-tħabrik pubbliku biex il-qrati militari jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-persuni ċivili, dgħajfu l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 22.1.2018 |
| 5. | Maikel José Moreno Pérez | Data tat-twelid: 12 ta' Diċembru 1965 | President, u *ex* Viċi President, tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezuela (*Tribunal Supremo de Justicia*). F'dawn ir-rwoli, huwa appoġġa u ffaċilita l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa responsabbli għal azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li użurpaw l-awtorità tal-Assemblea Nazzjonali. | 22.1.2018 |
| 6. | Tarek William Saab Halabi | Data tat-twelid: 10 ta' Settembru 1963 | Avukat Ġenerali tal-Venezwela maħtur mill-Assemblea Kostitwenti. F'dan ir-rwol u r-rwoli preċedenti bħala Ombudsman u President tal-Kunsill Morali Repubblikan, huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela billi pubblikament appoġġa azzjonijiet kontra avversarji tal-Gvern u l-irtirar ta' kompetenzi mill-Assemblea Nazzjonali. | 22.1.2018 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 7. | Diosdado Cabello Rondón | Data tat-twelid: 15 ta' April 1963 | Membru tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili. | 22.1.2018." |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/89

## tat-22 ta' Jannar 2018

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(2) Fid-dawl tal-programmi nukleari u ballistiċi kontinwi u aċċellerati tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), li huma bi ksur tal-obbligi tar-RDPK kif stipulati f'bosta Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif jidher mill-isparar l-aktar reċenti ta' missili ballistiċi mir-RDPK fit-28 ta' Novembru 2017, sbatax-il persuna għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

*ANNESS*

Fl-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, taħt it-titolu "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", is-sottotitolu "A. Persuni", jinżiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "2. | CHOE Chan Il | | 22.1.2018 | Direttur tal-Uffiċċju ta' Dandong tal-Korea Heungjin Trading Company, entità ddeżinjata min-NU. Il-Korea Heungjin tintuża mill-KOMID, entità ddeżinjata oħra min-NU, għal finijiet ta' kummerċ. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. |
| 3. | KIM Chol Nam | | 22.1.2018 | Direttur tal-fergħa ta' Dandong ta' Sobaeksu United Corp li ġiet deżinjata mill-Unjoni. Rappreżentant tal-fergħa ta' Beijing tal-Korea Changgwang Trading Corporation, li ġiet identifikata mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala psewdonimu tal-KOMID. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. |
| 4. | JON Chol Young | Numru tal-passaport: 563410192<br>Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola<br>Data tat-twelid: 30.4.1975 | 22.1.2018 | Rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat għar-RDPK fl-Angola.<br>Green Pine ġiet deżinjata min-NU għal attivitajiet inklużi il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nnegozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. |
| 5. | AN Jong Hyuk<br>Magħruf ukoll bħala: An Jong Hyok | Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Eġittu<br>Data tat-twelid: 14.3.1970<br>Numru tal-passaport: 563410155 | 22.1.2018 | Rappreżentant ta' Saeng Pil Trading Corporation, psewdonimu ta' Green Pine Associated Corporation, u diplomatiku tar-RDPK fl-Eġittu.<br>Green Pine ġiet deżinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi.<br>An Jong Hyuk kien awtorizzat jagħmel kull tip ta' negozju f'isem Saeng Pil, inkluż l-iffirmar u l-implimentazzjoni ta' kuntratti u ta' negozju bankarju. Il-kumpannija tispeċjalizza fil-kostruzzjoni ta' bastimenti navali u d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-installazzjoni ta' tagħmir ta' komunikazzjoni elettronika u ta' navigazzjoni bil-baħar. |
| 6. | CHOL Yun | It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għaċ-Ċina | 22.1.2018 | Chol Yun ġie identifikat mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala l-persuna ta' kuntatt tal-Kumpannija tar-RDPK General Precious Metal involuta fil-bejgħ ta' litju-6, oġġett marbut mal-armi nukleari ipprojbit min-NU, u diplomatiku tar-RDPK.<br>General Precious Metal kienet identifikata qabel mill-Unjoni bħala psewdonimu tal-entità elenkata min-NU Green Pine. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 7. | CHOE Kwang Hyok | | 22.1.2018 | Choe Kwang Hyok serva bħala rappreżentant ta' Green Pine Associated Corporation, entità elenkata min-NU.<br>Choe Kwang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala l-kap eżekuttiv ta' Beijing King Helong International Trading Ltd, psewdonimu ta' Green Pine. Ġie identifikat ukoll mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala direttur ta' Hong Kong King Helong Int'l Trading Ltd u operatur tal-entità tar-RDPK magħżula bħala l-uffiċċju rappreżentattiv tal-Korea Unhasu Trading Company f'Beijing, li huma wkoll psewdonimi ta' Green Pine. |
| 8. | KIM Chang Hyok<br>Magħruf ukoll bħala: James Jin jew James Kim | Data tat-twelid: 29.4.1963<br>Post tat-twelid: N. Hamgyong<br>Numru tal-passaport: 472130058 | 22.1.2018 | Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fil-Malasja. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti.<br>Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malasja f'isem il-kumpaniji tal-isem ta' "Glocom", hija stess kumpanija tal-isem tal-entità ddeżinjata Pan Systems Pyongyang. |
| 9. | PARK Young Han | | 22.1.2018 | Direttur ta' Beijing New Technology li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala kumpannija tal-isem tal-KOMID. Il-KOMID ġiet deżinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.<br>Ir-rappreżentant legali ta' Guancaiweixing Trading Co., Ltd, li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li bagħtet kunsinna interċettata lejn l-Eritrea ta' oġġetti marbuta mal-militar f'Awwissu 2012. |
| 10.. | RYANG Su Nyo | Data tat-twelid: 11.8.1959<br>Post tat-twelid: Ġappun | 22.1.2018 | Direttur ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 11. | PYON Won Gun | Data tat-twelid: 13.3.1968<br>Post tat-twelid: S. Phyongan<br>Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035<br>Numru tal-passaport: 290220142 | 22.1.2018 | Direttur ta' Glocom, kumpannija tal-isem ta' Pan Systems Pyongyang, Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill- Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti.<br>Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari.<br>Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 12. | PAE Won Chol | Data tat-twelid: 30.8.1969<br>Post tat-twelid: Pyongyang<br>Nru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150 | 22.1.2018 | Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 13. | RI Sin Song | | 22.1.2018 | Ri Sin Song ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 14. | KIM Sung Su | | 22.1.2018 | Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill- Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 15. | KIM Pyong Chol | | 22.1.2018 | Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet deżinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddeżinjat min-Nazzjonijiet Uniti. |
| 16. | CHOE Kwang Su | It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Afrika t'Isfel<br>Data tat-twelid: 20.4.1955<br>Numru tal-passaport: 381210143 (data l-għeluq: 3.6.2016) | 22.1.2018 | Choe Kwang Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala rappreżentant ta' Haegeumgang Trading Company. F'din il-kapaċità, Choe Kwang Su ffirma kuntratt ta' kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Mozambique bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kuntratt kien jikkonċerna l-forniment ta' armi u materjal marbut mal-armi lil Monte Binga, kumpannija kkontrollata mill-Gvern tal-Mozambique. |
| 17. | PAK In Su<br>Magħruf ukoll bħala:<br>Daniel Pak | Data tat-twelid: 22.5.1957<br>Post tat-twelid: N. Hamgyong<br>Numru tal-passaport diplomatiku: 290221242 | 22.1.2018 | Pak In Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-bejgħ ta' faħam mir-RDPK fil-Malasja bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 18. | SON Young-Nam | L-Ewwel Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Bangladexx | 22.1.2018 | Son Young-Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-kuntrabandu ta' deheb u oġġetti oħrajn fir-RDPK bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.". |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/90

## tat-22 ta' Jannar 2018

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074.

(2) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Venezwela li jirriaffermaw li d-djalogu kostruttiv u n-negozjati huma l-uniku mod sostenibbli biex tiġi indirizzata l-kriżi attwali u biex tingħata risposta għall-ħtiġijiet urġenti tal-poplu tal-Venezwela.

(3) Il-Kunsill, filwaqt li enfasizza t-tħassib tiegħu fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-pajjiż, adotta miżuri restrittivi u nnota li dawk il-miżuri ser jintużaw b'mod gradwali u flessibbli u jistgħu jiġu estiżi, billi jiffokaw fuq dawk involuti fin-nuqqas ta' rispett tal-prinċipji demokratiċi jew tal-istat tad-dritt u fil-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

(4) Fid-dawl tad-deterjorazzjoni kontinwata tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, seba' persuni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60.

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Néstor Luis Reverol Torres | Data tat-twelid: 28 ta' Ottubru 1964 | Ministru għall-Intern, il-Ġustizzja u l-Paċi; *ex* Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inkluża l-projbizzjoni u r-repressjoni ta' dimostrazzjonijiet politiċi | 22.1.2018 |
| 2. | Gustavo Enrique González López | Data tat-twelid: 2 ta' Novembru 1960 | Kap tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem (inklużi d-detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura) u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela. | 22.1.2018 |
| 3. | Tibisay Lucena Ramírez | Data tat-twelid: 26 ta' April 1959 | President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* – CNE). L-azzjonijiet u l-politiki tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bil-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' Assemblea Kostitwenti billi naqset milli tiżgura li s-CNE jibqa' istituzzjoni imparzjali u indipendenti skont il-Kostituzzjoni tal-Venezwela | 22.1.2018 |
| 4. | Antonio José Benavides Torres | Data tat-twelid: 13 ta' Ġunju 1961 | Kap tal-Gvern tad-Distrett Kapitali (*Distrito Capital*). Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sal-21 ta' Ġunju 2017. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż li l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana tmexxi fis-sorveljanza ta' dimostrazzjonijiet ċivili u t-tħabrik pubbliku biex il-qrati militari jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-persuni ċivili, dgħajfu l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 22.1.2018 |
| 5. | Maikel José Moreno Pérez | Data tat-twelid: 12 ta' Diċembru 1965 | President, u *ex* Viċi President, tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezuela (*Tribunal Supremo de Justicia*). F'dawn ir-rwoli, huwa appoġġa u ffaċilita l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa responsabbli għal azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li użurpaw l-awtorità tal-Assemblea Nazzjonali. | 22.1.2018 |
| 6. | Tarek William Saab Halabi | Data tat-twelid: 10 ta' Settembru 1963 | Avukat Ġenerali tal-Venezwela maħtur mill-Assemblea Kostitwenti. F'dan ir-rwol u r-rwoli preċedenti bħala Ombudsman u President tal-Kunsill Morali Repubblikan, huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela billi pubblikament appoġġa azzjonijiet kontra avversarji tal-Gvern u l-irtirar ta' kompetenzi mill-Assemblea Nazzjonali. | 22.1.2018 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifi-kazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 7. | Diosdado Cabello Rondón | Data tat-twelid: 15 ta' April 1963 | Membru tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili. | 22.1.2018" |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT